# Il-Jum Dinji tal-Popolazzjoni: 11 ta' Lulju 2024

NR 124/2024    Data tal-Ħruġ: 10 ta' Lulju 2024

*Fi tmiem l-2023, il-popolazzjoni totali ta' Malta u Għawdex kienet stmata li tlaħħaq il-563,443 persuna, żieda ta' 3.9 fil-mija meta mqabbla mas-sena ta' qabel.*



Fi tmiem l-2023, il-popolazzjoni totali ta' Malta u Għawdex kienet stmata li tlaħħaq il-563,443 persuna, żieda ta' 3.9 fil-mija meta mqabbla mas-sena ta' qabel (Ċart nru 1, Tabella nru 1). Ir-raġuni ewliena taż-żieda fil-popolazzjoni kienet il-migrazzjoni netta totali (l-immigrazzjoni tnaqqas l-emigrazzjoni) li laħqet l-20,960 persuna. Ċittadini mhux tal-UE kienu jagħmlu 93.1 fil-mija tal-migrazzjoni netta totali fl-2023, filwaqt li 65.3 fil-mija ta' dawn il-migranti kienu rġiel (Tabella nru 2). Fi tmiem l-2023, il-popolazzjoni residenti totali kienet tgħodd kważi 53 fil-mija rġiel. Filwaqt li l-migrazzjoni netta naqset b'mod marġinali meta mqabbla mal-2022 (3.8 fil-mija), kemm l-immigrazzjoni kif ukoll l-emigrazzjoni żdiedu fl-2023 (Ċart nru 2, Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Stimi tal-popolazzjoni sħiħa fl-aħħar ta' kull sena

2008 - 2023




## Ċart nru 2. Il-flussi migratorji

2008 - 2023




Iż-żieda naturali fil-popolazzjoni kienet 5.5 darbiet aktar meta mqabbla mas-sena ta' qabel, minn 79 fl-2022 għal 432 fl-2023. Din kienet l-akbar żieda naturali mill-2019 li kienet ġejja kemm minn tnaqqis fl-imwiet ta' residenti kif ukoll minn żieda fit-twelid ta' trabi ħajjin minn residenti (Ċart nru 3).

It-twelid ta' trabi ħajjin minn residenti fl-2023 żdied bi 3.6 fil-mija meta mqabbel mas-sena ta' qabel (Tabella nru 4). Mill-ġenituri li welldu fl-2023, 40.3 fil-mija kellhom bejn it-30 u l-34 sena fiż-żmien tat-twelid (Tabella nru 5). L-imwiet ta' residenti fl-2023 naqsu b'4.7 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 6). Mill-4,030 mewta ta' residenti li seħħew fl-2023, 69.4 fil-mija kienu ta' persuni minn 75 sena 'l fuq (Tabella nru 7).

## Ċart nru 3. Iż-żieda naturali

2008-2023




Sa tmiem l-2023, 53 fil-mija tal-popolazzjoni residenti totali kienu rġiel. Persuni taħt it-18-il sena kienu jagħmlu 14.7 fil-mija tal-popolazzjoni totali, filwaqt li 18.4 fil-mija kellhom mal-65 sena jew aktar. Minn dawn, 3,611-il persuna – 2,568 mara u 1,043 raġel – kellhom 90 sena jew aktar (Ċart nru 4, Tabella nru 8).

## Ċart nru 4. Il-popolazzjoni sħiħa fil-31 ta' Diċembru 2023 bil-gruppi tal-età u s-sess

